MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-16 ta' Frar, 2011

Numru. 118/2011

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Micallef)
vs
Nadine Agius, bint Mario, imwielda Pieta' fit-28 ta' Settembru, 1987, Karta ta' l-Identita numru 441887(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata –
1. talli fis-27 ta' Jannar, 2010, matul il-lejl u cioe' għal ħabta tal-kwarta ta' fil-għodu, f'dawn il-Gżejjer, u cioe' ġewwa l-fond Caesar's House, Ix-Xatt, Sliema kkomettiet serq ta' mobile phone tal-marka Nokia 5800 Xpress Music, liema serq hu kkwalifikat bil-valur kif ukoll bil-ħin li sar għad-dannu ta' Ilona Krista Dougall;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, u cioe' mobile phone tal-marka Nokia 5800 Xpress Music, meħuda

b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indaħal biex tbiegħhom jew tmexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Frar, 2011 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-mobile in kwistjoni ġie ritornat lil sidu u li d-derubata ħafret lill-imputata.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Frar, 2011 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha minn tali akkuża.  Issibha ħatja tat-tieni akkuża miġjuba kontra tagħha.  Rat l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali.  Rat il-fedina penali netta, l-ammissjoni bikrija u il-maħfra tad-derubata.  Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------